KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tlieta u Erbgħin (43)***

***It-Tlieta, 18 ta' Jannar , 2022***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) b'mod virtwali fuq qbil unanimu mill-membri tal-Kunsill kollha minħabba esiġenzi li ma kellnix kontroll fuqhom.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Minħabba li s-Sindku Darren Abela informa li se jattendi ftit tard, il-Vici Sindku Christine Dalli ippresjediet l-laqgħa.

## 43.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji

43.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.2.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 42 li nżammet nhar it-Tnejn, 20 ta' Diċembru, 2021.

43.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 42 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

43.2.3 **Mozzjoni 43-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 42.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Il-Minuti Numru 42 ġew approvati unanimament.

## 43.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 43 (08) – Jannar 2022*

43.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 43(08) permezz cheque numru 7185 (ref. 10222) sa 7186 (ref. 10223) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10211 sa 10244 li jammontaw €34,736.82

43.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv se tkun qed tressaq ukoll il-pagament tal-*cat food* li nxtara bl-ammont ta' €1155 kif ukoll il-ħlas tal-Money Insurance Policy li tammonta għall-€65 fis-sena.

43.3.3 **Mozzjoni 43-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 43(08) bl-ammont ta' €34,736.82 u magħhom jiżdiedu l-ammonti imsemmija f'materja 43.3.2

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 43(08) ġiet approvata unanimament.

**43.4 <u>Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2021</u>**

43.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni żgħira tal-kontenut tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2021. Ir-Rapport Annwali Amministrattiv tqassam minn qabel u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

43.4.2 Il-Kunsilliera Rose Agius semmiet il-proġett tal-LC care li minnu bbenefikaw l-*cat feeders* reġistrati mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din titniżżel ukoll fir-Rapport.

43.4.3 Il-Vici-Sindku Christine Dalli pproponiet li nsemmu ukoll is-CCTV cameras li saru matul is-sena fosthom li żidna fit-Turretta.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda s-Sindku Darren Abela*

43.4.2 **Mozzjoni 43-03**: Is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2021.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Ir-Rapport Annwali Amministrattiv ġie approvat unanimament.

**43.5 <u>Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-istaff tal-Kunsill għas-sena 2021</u>**

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-istaff tal-Kunsill għal sena oħra reġgħu laħqu l-aspetattivi fix-xogħol amministrattiv tagħhom u għaldaqstant qed tipproponi li jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* kif ingħataw fis-snin preċedenti.

43.5.2 Għaldaqstant, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni sabiex l-istaff tal-Kunsill jingħataw 6% bħala performance bonus għas-sena 2021 rispettivament.
**Mozzjoni 43-04 :** Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**43.6 <u>Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2021</u>**

43.6.1 Is-Sindku Darren Abela spjega li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għal sena oħra reġgħet laħqet l-aspetattivi tal-Kunsill fix-xogħol tagħha u għaldaqstant qed jipproponi li tingħata il-massimu tal-*performance bonus* kif ingħatat fis-snin preċedenti.

43.6.2 Għaldaqstant, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tingħata 10% bħala performance bonus għas-sena 2021.
Mozzjoni 43-05 : Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**43.7 Korrispondenza**

43.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li minħabba problemi li ma kellnix kontroll fuqhom il-Budget għadu mhux finalizzat u għaldaqstant se jkun qed isir fil-jiem li ġejjin. Rigward id-data tal-Laqgħa Pubblika, il-Kunsill qabel li ssir fl-aħħar ta' Jannar, it-Tnejn 31 u għandha ssir fil-Kunsill jew b'mod virtwali skond iċ-ċirkostanza, iżda l-Kunsill qabel li jibgħat lir-residenti kollha biex min jixtieq jattendi jibgħat id-dettalji tiegħu qabel il-laqgħa. Il- Kunsill qabel li jinforma l-pubbliku permezz tal-mezzi soċjali.

43.7.2 Tressqet korrispondenza rigward ħlas għal-flokkijiet li ntużaw min-Nursery fis-Summer School. Il-Kunsill qabel li din is-sena jħallashom iżda jinfurmahom li għas-sena d-dieħla jinfurmawna qabel.

43.7.3 Tressqet korrispondenza rigward kwotazzjoni sabiex titnaddaf il-giebja li hemm fi Ġnien Elfejn u tiġi rranġata. Dan ix-xogħol ma kienx inkluż fit-tender u għaldaqstant ingħatajna stima apparti għal dawn ix-xogħlijiet. L-ispiża hija ta' €2655. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li s-sistema li ġiet installata mhiex awtomatika iżda se tkun qed tintuża' manwalment u dan biex ma jkunx hemm ħafna ħela ta' ilma minħabba li hemm siġar li ma jridux ħafna ilma biex jissaqqew.

43.7.4 Tressqet korrispondenza sabiex issir il-Money Insurance Policy bħas-snin preċedenti għal-ispiża ta' €65. Il-Kunsill approva.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda il-Kunsillier Keith Fenech*

43.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fir-rigward tat-tender tal-garaxx, ġejna nfurmati li l-Kunsill ma jistax jirrifjuta l-offerta l-iktar għolja mingħajr raġuni valida. Għaldaqstant m'għandhiex titniżżel fit-tender. Rigward il-prezz, il-Kunsill qabel li jmur ftit inqas mir-rakkomandazzjoni tal-Perit tagħna jiġifieri jitlob is-somma minima ta' €40,000 filwaqt li l-Perit stmaħ €45,000. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hu ta l-opinjoni li jżomm mar-rakkomandazzjoni tal-Perit rigward il-prezz.

**43.8 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

43.8.1 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li l-Laqgħa tal-*Bus Shelters* se ssir għada fis-1pm u min jixtieq jista' jattendi. Din il-laqgħa se ssir sabiex tinstab soluzzjoni rigward il-*bus shelters* li baqgħu ma twaħħlux.

43.8.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq suġġeriment sabiex jitwaħħlu tabelli ta' speed limit fil-Bypass ta' Ħal Għaxaq. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom isiru.

43.8.3 Is-Sindku Darren Abela qal li kellu talba sabiex fi Triq il-Wilġa jingħata permess biex jipparkja fuq il-bankina peress li t-triq dejqa. Il-Kunsill ma jaqbilx.

43.8.4 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm persuna interessata għal Project Manager mal-Kunsill. Għaldaqstant se nkunu qegħdin niddiskutu kif se tinħareġ is-sejħa.

43.8.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona biex Ġnien il-Kunsill nibdlulu l-isem u jsir 'Ġnien Emanuel Vassallo' biex jingħata tifkira xierqa minħabba li meta kien Sindku, kien ħadem biex jitwettaq il-proġett. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament u se jkun qed jinforma lill-familjari dwar dan il-ħsieb tal-Kunsill. Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li nsemmu xi triq għal Angelo Attard li ukoll kien kunsillier. Il-Kunsill jaqbel li jikkunsidraha meta jkun hemm xi triq bla isem.

43.8.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex fi Triq Maestro F.Atanasio, li ma jgħ.addux minnha l-karozzi ħlief karozzi żgħar ħafna, ssir bankina zgħira minħabba li qed jidħlilhom l-ilma. Il-Kunsillier Keith Fenech sostna li triq li tgħaddi minnha anki b'karozza zgħira, m'għandux il-Kunsill jagħmel xi ħaġa biex ma jgħaddux għaldaqstant ma jaqbilx li ssir bankina. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jiddiskutiha fil-laqgħa li jmiss sabiex kulħadd ikun jista' jmur fuq il-post biex ikun f'pożizzjoni li jiddeċiedi.

43.8.7 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq Dun Mattew Scriha, li għadha kemm saret, qed jitolbu sabiex ssir ħadida fuq il-bankina minħabba li l-karozzi qegħdin jgħaddu minn fuq il-bankina jew issir road hump biex il-karozzi ma jgħaddux bis-saħħa. Il-Kunsillier Keith Fenech ma jaqbilx li ssir ħadida fuq il-bankina għax tista tkun perikoluża. Il-Kunsill qabel li nistgħu nagħmlu talba sabiex issir *road hump* quddiem min għamel it-talba.

**43.9 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>**

43.9.1 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li darba konna ddecidejna li il-fetħiet fil-Bypass jinghalqu bil-bollards. Is-Sindku Darren Abela qal li kellu jsir arranġament bil-miktub minnaħa ta' IM iżda s'issa dan għadu ma sarx.

43.9.2 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li l-*lights* tal-Bypass għadhom qed idumu biex jaqilbu bil-konsegwenza li qed jaqsmu bl-addoċċ. Għaldaqstant għandna nerġgħu nibgħatulhom.

43.9.3 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li twaħħlet tabella ġdida int u dieħel Ħal Għaxaq biex naraw min waħħalha jekk il-Kunsill ma jafx biha.

43.9.4 Il-Kunsilliera Rose Agius pproponiet li nibgħatu ittra sabiex nifirħu lill-Roberta Metsola tal- ħatra tagħha bħala President tal-Parlament Ewropew.

43.9.5 Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem dwar l-aċċident li sar fejn sfrundat it-Triq fi Pjazza San Filippu fejn sostna li hemm periklu kbir. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-Transport Malta u lill-Infrastructure Malta li l-Kunsill m'għandux ir-riżorsi biex isiru t-tiswijiet meħtieġa b'mod immedjat. Fl-istess korrispondenza għandu jiġi ikkupjat il-Ministru tat-Toroq. Rigward il-periklu kbir li hemm il-Kunsill sostna li għandu jkellem lill-pulizija biex it-triq tingħalaq kompletament għat-traffiku. Dwar dan il-Kunsill qabel.

43.9.6 Il-Kunsillier Keith Fenech fakkar dwar il-ħaddiem li talbu għalih in-Nursery. Is-Sindku Darren Abela qal li se jara jekk il-ħaddiem li kien interressat għadux irid jiġi u nibagħtu liż-żewġ entitajiet tal-ħaddiema u nitolbuhom li interessati li jkollna ħaddiem għal manutenzjoni.

**43.10 <u>Mozzjonijiet</u>**

43.10.1 Annessi mal-Minuti

**43.11 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

43.11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 15 ta' Frar 2022 fil-5.30pm filwaqt li l-Laqgħa Pubblika ssir fil-31 ta' Jannar 2022 fil-5.00pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 43**

**Mozzjoni Ref:** 43-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 42

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Andreas Gatt**<br>**Sekondant** |

**Data:** 18 ta' Jannar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 43**

**Mozzjoni Ref:** 43-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 43/08

**Andreas Gatt**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 18 ta' Jannar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 43**

**Mozzjoni Ref: 43-03**

Biex jiġi approvat ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2021

**Rose Agius**
**Proponent**

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

**Data:** 18 ta' Jannar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 43**

**Mozzjoni Ref: 43-04**

Biex jiġi approvat il-Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2021

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 18 ta' Jannar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 43**

**Mozzjoni Ref: 43-05**

Biex jiġi approvat il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għas-sena 2021

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 18 ta' Jannar 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**